MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Numru. 115/2014

Il-**Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**Kevin Mallia** ta’ 39 sena, bin Donald u Margaret nee` Whelen, imwieled il-Pieta’, nhar l-10 ta’ Dicembru 1973, residenti Blk 2, Wnt 95, Fl6, Triq San Gwann, Bormla u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 251174(M).

Talli;

F'dawn il-Gzejjer, f'Mejju 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzjzoni wahda, appropja ruhu, billi dawwa bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex

jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, din il-Qorti giet ikkonvertita minn wahda Struttorja ghal wahda ta' Gudikatura Kriminali, ai termini tal-Artikolu 392A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 293, 310,(1)(a), 532A, 532B, 533 tal- Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssibb lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghaldaqstant qieghda tikkundannah ghall-piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Inoltre din il-Qorti qieghda tordna lill-imputat ihallas is-somma ta’ €4,208.26 lis-socjeta’ Arriva Malta jew lis-successuri fit-titolu taghha, fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 28H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------